# Kampanja Aqra fis-Sajf 2021

**Ħarsa Ġenerali**

**Esperjenza ta' Xogħol fis-Sajf**

Bħala parti mill-kampanja nazzjonali tal-qari *Aqra fis-Sajf*, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se torganizza programm ta' litteriżmu fis-sajf 2021.

Uffiċjali ta' *Aqra fis-Sajf* se jkunu qegħdin joffru sapport fil-programmi u l-inizjattivi tal-Aġenzija. L-uffiċjali se jkunu qegħdin joħolqu riżorsi edukattivi, jagħmlu xogħol klerikali/amministrattiv, u jiġbdu u jeditjaw filmati ta' sessjonijiet ta' qari. Dawn l-uffiċjali se jkunu qed jaħdmu bejn it-08:30 u n-12:30, għat-tul kollu tal-kampanja. L-uffiċjali se jkunu qegħdin jaqdu dmirijiethom milll-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-Ħamrun.

**Applikazzjoni Online**
L-Uffiċċju tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand studenti *full-time* li jkunu għalqu s-16-il sena sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni online. Il-postijiet għal din l-esperjenza ta' xogħol huma limitati u preferenza ser tingħata lil studenti ħadmu f'kampanji t'Aqra fis-Sajf li għaddew.

**L-applikazzjoni online tinsab fil-ħolqa *[https://edurecruitment.gov.mt/](https://edurecruitment.gov.mt/)***
**L-applikazzjonijiet jiftħu bejn il-Ġimgħa, 23 ta' April 2021 f'nofsinhar u jagħlqu l-Ġimgħa, 21 ta' Mejju 2021 f'nofsinhar.**

Studenti interessati li japplikaw bħala Uffiċjali ta' Aqra fis-Sajf mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għandhom jimlew l-applikazzjoni online u jtellgħu kopja tal-Karta tal-Identità tagħhom minn wara u minn quddiem.
L-istudent jista' jiġi skwalifikat minn din l-iskema jekk ma tingħatax informazzjoni tajba jew kollha, jew ma jingħatax id-dokument mitlub sad-data tal-għeluq.

L-Uffiċjali ta' *Aqra fis-Sajf* għandhom ikollhom ħakma tajba tal-Malti u tal-Ingliż, kif ukoll attitudni pożittiva lejn il-litteriżmu.
L-uffiċjali magħżula jridu jiffirmaw il-kuntratt tal-impjieg qabel jibdew is-sessjonijiet ta' qari.

**Ħlas u Intitolament**

Il-ħlas għal dan ix-xogħol huwa stabbilit għar-rata ta' €6.88, li hija r-rata ta' salarju ta' Skala 16 tas-Servizz Pubbliku. Studenti li jaħdmu f'din il-kampanja jkunu intitolati wkoll għal li ġej:

L-Ewwel Fażi : 12 ta' Lulju 2021 sas-6 ta' Awwissu 2021

| | |
|---|---|
| **Assenza Approvata** | *7 sigħat* |
| **Bonus** | *€20.72* |
| **Suppliment tad-Dħul** | *€18.59* |
| **Assenza minħabba Mard** | *Jumejn bi ħlas sħiħ*<br>*Jumejn b'nofs ħlas* |

It-Tieni Fażi : 9 ta' Awwissu 2020 sat-3 ta' Settembru 2021

| | |
|---|---|
| **Assenza Approvata** | *7 sigħat* |
| **Bonus** | *€19.24* |
| **Suppliment tad-Dħul** | *€17.26* |
| **Assenza minħabba Mard** | *Jumejn bi ħlas sħiħ*<br>*Jumejn b'nofs ħlas* |

**Noti Oħra:**

1. Studenti jirċievu l-Bonus u s-Suppliment tad-Dħul u benefiċċji oħra, bħal sigħat ta' assenza approvata, assenzi minħabba mard (wara li jkun ġie preżentat ċertifikat tal-mard) fuq bażi *pro rata*.
2. Sigħat ta' assenzi approvati li ma jittiħdux sal-aħħar ta' kull fażi ma jiġux rifużi.
3. Studenti għandhom jikkonfermaw li l-impjieg tagħhom jiġi reġistrat mal-Korporazzjoni Jobsplus permezz tal-Formola tal-Bidu tal-Impjieg skont l-Avviż Legali 110/1993. Il-formola ta' Tmiem tal-Impjieg trid timtela meta tispiċċa l-Fażi.
4. Din l-applikazzjoni hija biss għall-kampanja *Aqra fis-Sajf* u ma tiġix ikkonsidrata għal skemi oħra.
5. Għal aktar tagħrif u dettalji, l-istudenti għandhom jikkuntattjaw lis-Sur Daniel Cini, Senior Manager, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fuq 2598 2993.